## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **2374/2023/1 (AD)**

**JOSEPH MIFSUD (KI 716349M)**
**RAYMOND MIFSUD (KI 640056M)**
**CHRISTOPHER MIFSUD (KI 18080M)**
**SARAH KENNARD NEE MIFSUD (KI 434575M)**

**VS**

**MICHELA ANGELE CARDONA (KI 378084M)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors ta' Joseph Mifsud et, ippreżentat fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru 2023, u nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata qua risposta minn Michela Angele Cardona nhar il-ħamsa (5) ta' Jannar 2024;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru 2023, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimata milli:

> **Tkompli tagħmel xogħlijiet ta' kwalsiasi xorta fil-proprjeta' tagħha ġewwa 220, Triq il-Kunċizzjoni, l-Imsida, salv għal dak neċessarju sabiex tissiġilla l-istess proprjeta' kontra ingress t'ilma;**

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet datata ħamsa (5) ta' Jannar 2024, l-intimata opponiet għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub, u dan għal diversi raġunijiet kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem.

**Il-Qorti**

5. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

6. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Jannar 2024;

7. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Fatti tal-Każ**

8. Huwa fatt mhux kontestat illi r-rikorrenti Christopher Mifsud u Sara Kennard huma l-proprjetarji tax-*showroom* fil-fond numru 220, Triq il-Kunċizzjoni, Msida, filwaqt illi r-rikorrenti Joseph Mifsud u Raymond Mifsud huma l-

proprjetarji tal-appartamenti numri wieħed (1) u tnejn (2) fl-istess blokk rispettivament, filwaqt illi l-intimata Michela Angele Cardona hija l-proprjetarja tal-appartament numru erbgħa (4) u l-arja relattiva, ukoll fl-istess blokk. L-appartament numru tlieta (3) jappartjeni lil Anastasiia Duzenko, illi hija terza persuna estranea għall-proċeduri odjerni;

9. Lanqas huwa kontestat illi l-intimata qiegħda tagħmel żvilupp fil-proprjeta' tagħha, konsistenti *f'"Extension at fourth floor and proposed additional floor at fifth floor and roof including 2 units at fifth floor"*[1];

10. Ir-rikorrenti qegħdin jallegaw illi:

    a. Bl-esekuzzjoni ta' tali xogħlijiet, kien hemm ingress qawwi ta' ilma fil-proprjetajiet ta' Joseph Mifsud u Anastasiia Duzenko, kif ukoll fil-partijiet komuni tal-blokk in kwestjoni, b'dana illi Anastasiia Duzenko infatti istitwiet proċeduri oħrajn quddiem din il-Qorti kontra l-intimata; u

    b. Illi qabel l-intimata żviluppat il-proprjeta' tagħha, ir-rikorrenti kellhom l-użu tal-*washroom* fuq il-bejt tal-blokk mertu tal-kawża u aċċess għall-istess bejt minn bieb li kien jiftaħ mit-tromba tat-taraġ li twassal għall-istess bejt; iżda bl-iżvilupp, il-*washrooms* tneħħew u l-aċċess huwa biss minn toqba fis-saqaf li wieħed jista' jaċċedi għaliha biss b'sellum;

11. Ir-rikorrenti jsostnu illi huma interpellaw lill-intimata sabiex tieħu l-miżuri neċessarji sabiex ma jkomplix l-ingress ta' ilma u tissewwa l-ħsara sofferta mir-rikorrenti, kif ukoll sabiex tassigura illi r-rikorrenti jingħataw lura d-dritt ta' użu u aċċess li huma kienu jgawdu, iżda hija baqgħet inadempjenti. Kien għalhekk illi intavolaw il-mandat odjern;

12. Mill-banda l-oħra, l-intimata ssostni illi:

[1] Vide **Dok A** anness mar-rikors odjern, a fol 5 tal-proċess

a. Jekk inhu minnu illi hemm ħsara kkawżata mill-perkolazzjoni tal-ilma kif allegat, dan jiġi indirizzat billi jitlesta x-xogħol mill-aktar fis possibbli, u mhux billi jitwaqqfu x-xogħlijiet da parti tal-intimata;

b. Jekk tissewwiex jew le l-ħsara kaġunata lir-rikorrenti hija rrelevanti għall-ħruġ tal-mandat odjern;

c. Ma tagħmilx sens it-talba sabiex jitwaqqfu x-xogħlijiet kollha, inkluż dawk ta' *refurbishment* fis-sular li ilu mibni snin;

d. Mhux minnu illi l-aċċess għall-bejt il-ġdid huwa minn toqba fis-saqaf, peress illi hemm taraġ mibni għall-aċċess tal-bejt;

e. Ir-rikorrenti m'għandhom l-ebda dritt għal *washroom* fuq il-bejt, kif jirriżulta mill-kuntratt t'akkwist.

**Konsiderazzjonijiet**

13. L-Artikolu 873(1) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

14. Jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

15. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[2]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

16. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[3]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni*

[2] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana
[3] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

17. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[4]:

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

18. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimata hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

[4] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

19. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[5]

20. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkunu ser isofru r-rikorrenti permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **<u>irrimedjabbli</u>** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[6], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

[5] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

[6] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

21. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[7]*:*

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

22. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[8]

23. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża.

---

[7] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

[8] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

## 1. L-Ewwel Element: Jedd *Prima Facie*

24. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-perkolazzjoni tal-ilma fil-fondi sottostanti għal dak tal-intimata, din il-Qorti rat illi jidher illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi s-soluzzjoni mhijiex illi jitwaqqaf ix-xogħol, iżda illi jitkompla x-xogħol mill-aktar fis possibbli, sabiex tiġi evitata aktar ħsara. Infatti, it-talba saret *"salv għal dak neċessarju sabiex tissiġilla l-istess proprjeta' kontra ingress ta' ilma"*, u fit-trattazzjoni tagħhom tal-mandat odjern, ir-rikorrenti stess stqarrew illi hekk kif ingħata l-konkos, il-problema tal-perkolazzjoni tal-ilma bdiet tissolva. Din il-Qorti għalhekk ma tqisx illi għandha tiddeċiedi jekk takkordax il-mandat odjern jew le a bażi tal-fatt illi, per kawża tal-iżvilupp tal-intimata qed jiġi arrekat ħsara lill-proprjetajiet sottostanti, peress illi, fi kwalsiasi każ, kemm jekk tintlaqa' t-talba u kemm jekk ma tintlaqax, ix-xogħol sabiex jieqaf l-ingress tal-ilma sejjer jitkompla;

25. Din il-Qorti sejra għalhekk tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq l-allegazzjoni illi l-iżvilupp qed jippreġudika d-dritt tar-rikorrenti għall-aċċess u użu tal-bejt;

26. Il-konvenuta esebit in atti l-kuntratt t'akkwist tagħha illi fih ġie speċifikat illi, *"Kull sid ta' appartament f'dan il-blokk u is-sid tas-showroom sottostanti il-blokk għandhom id-dritt li jinstallaw u li iżommu fuq il-bejt tal-blokk tank tal-ilma tal-kapaċita' ta' mhux aktar minn elf litru (1000 l) u television aerial u satellite dish (maximum diameter wieħed punt tnejn metri (1.2m)) bid-dritt ta' aċċes għall-istess bejt għall-installazzjoni, maintenance u tiswijiet ta' dawn is-servizzi."*[9] Minn din il-klawsola huwa evidenti illi, mad-daqqa t'għajn, id-dritt illi għandhom ir-rikorrenti huwa wieħed limitat għat-tqegħid tas-servizzi imsemmija, u għal aċċess sabiex issir l-installazzjoni, manteniment u tiswija tagħhom;

[9] Vide **Dok A** anness man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata, a fol 75-76 tal-proċess

27. Il-Qorti tfakkar illi l-indaġini illi qiegħda tagħmel hawnhekk mhijiex waħda approfondita fil-mertu, iżda fuq bażi *prima facie*. Rat din il-Qorti illi r-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova illi setgħet, fuq bażi *prima facie*, tikkonvinċiha illi huma għandhom dritt t'użu tal-*washrooms* fuq il-bejt, jew dritt ta' użu mod ieħor tal-bejt għajr għal dak deskritt fil-kuntratt t'akkwist esebit mill-konvenuta;

28. Sabiex isaħħu t-teżi tagħhom, ir-rikorrenti jagħmlu referenza għal ġurisprudenza fit-trattazzjoni tagħhom, illi, fil-fehma tal-Qorti, ma tantx tagħtihom konfort. Is-sentenza minnhom ċitata fl-ismijiet ***Joseph Grima et vs Sydney Atkins et***[10] kienet tirrigwarda każ fejn il-proprjetarji kienu akkwistaw id-dritt t'użu <u>u</u> d-dritt illi jistallaw tank tal-ilma u *aerial* tat-televiżjoni, mhux id-dritt illi jistallaw is-servizzi biss. Infatti l-Qorti tal-Appell qalet, *"Hu veru li fil-kuntratt ta' l-akkwist tal-konvenuti hu speċifikat li dawn jistgħu jinstallaw tank ta' l-ilma u aerial tat-televiżjoni fuq il-bejt, pero', dan id-dritt ġie konċess "over and above" l-użu komuni tal-bejt. Id-dritt speċifikat ta' l-istallazzjoni tat-tank ta' l-ilma u ta' l-aerial tat-televiżjoni ngħata mhux biex jikkwalifika jew jillimita l-użu tal-bejt, iżda ex abundanti cautela, u biex jiġu evitati dubji dwar l-estensjoni ta' l-użu, peress li, f'kull każ, il-konvenuti kienu akkwistaw l-użu komuni ma' oħrajn tal-bejt bħala parti mill-proprjeta'."* Hekk ukoll, is-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Carmel u Mary Delicata vs Sonja Mary sive Sonja Maria Psaila Manche***[11], kienet tirrigwarda limitazzjoni t'aċċess għall-bejt meta l-proprjetarji kienu akkwistaw appartament illi kellu *"in komuni mal-flats l-oħra ta' l-istess blokk l-użu [...] [tat]- tromba tat-taraġ sa fuq il-bejt u ta' l-istess bejt, u dana flimkien mal-proprjetarji u/jew users tal-flats l-oħra ta' l-istess blokk."* Kien għalhekk illi l-Qorti ddeċidiet illi, *"x-xogħlijiet li wasslu biex jidjieq it-taraġ u biex l-aċċess għall-bejt isir b'sellum minn bokkaport flok minn taraġ saru bi ksur tal-jeddijiet ta' l-atturi, u għalhekk għandhom jitneħħew billi t-taraġ jerġa' jinġieb tal-wisgħa li kien qabel, skond il-pjanta XXI, u l-aċċess għall-bejgħ ukoll isir permezz ta' taraġ."*;

---

[10] Appell Ċiv Nru 1362/2001/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 6 ta' Lulju 2007

[11] Ċit Nru 1835/2000/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Caruana Demajo, 17 t'Ottubru 2003 (Għalkemm din is-sentenza ġiet appellata, l-Appell ġie ċedut u l-kawża għaddiet għalhekk in ġudikat.)

29. Mill-atti ma jirriżultax, mill-inqas fuq bażi *prima facie*, illi r-rikorrenti kellhom xi dritt t'aċċess jew użu tal-bejt kif deskritt fil-ġurisprudenza suriferita. Anzi l-unika prova illi nġabet ta' dak illi huwa dritt mogħti lir-rikorrenti, tressqet mill-konvenuta, u turi dritt illi huwa ferm limitat. In oltre, din il-Qorti rat illi mhux qed jiġi kontestat il-fatt illi r-rikorrenti xorta waħda ser ikollhom dritt t'aċċess għall-bejt, anke wara illi jsir l-iżvilupp, iżda qed tiġi kontestata biss il-forma t'aċċess. Ir-rikorrenti lanqas ressqu prova, mill-inqas fuq bażi *prima facie*, illi għandhom dritt għal xi forma t'aċċess partikolari;

30. Din il-Qorti tiddikjara għalhekk illi **ma ġiex sodisfatt l-ewwel element meħtieġ sabiex tintlaqa' t-talba odjerna**. Madanakollu, din il-Qorti tfakkar illi l-ġudizzju tagħha fil-proċeduri odjerni m'għandhomx jiġu interpretati fis-sens illi r-rikorrenti m'għandhomx id-dritt illi qed jippretendu illi għandhom, iżda sempliċement illi, f'dan l-istadju, huma ma rnexxielhomx jippruvaw, fuq bażi *prima facie*, dritt t'użu tal-bejt u aċċess għall-bejt illi jmur oltre d-dritt tagħhom illi jistallaw u jmantnu servizzi ta' installazzjoni ta' tank tal-ilma, *television aerial* u *satellite dish* illi jista' jiġi preġudikat fil-każ illi ma tintlaqax it-talba odjerna.

## B. It-Tieni u t-Tielet Rekwiżiti

31. Hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, ir-rekwiżiti illi jeħtieġ jissussistu għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni huma kumulattivi u mhux alternattivi. Għaldaqstant, fin-nuqqas tal-ewwel rekwiżit sabiex tiġi milqugħa t-talba odjerna, il-Qorti għandha obbligu illi tiċħad it-talba kif dedotta, u sejra tastjeni milli tagħmel indaġini dwar jekk jissussistux it-tieni u tielet rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub.

**Decide**

32. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tirrevoka</u>** *contrario imperio* d-digriet tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru 2023; u

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tar-rikorrenti.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, dsatax (19) ta' Jannar 2024.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**